MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 12/2004

**Victor Cefai**

**vs**

**Joseph Vella**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Ghid int konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kkundannat thallas l-ammont ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) dovuti minnek lill-attur bhal self ‘brevi manu’ skond l-iskrittura privata tal-14 ta’ Settembru 2003, li qeghda tigi esebita bhala Dok A.

Bl-interessi fuq din is-somma ta’ tmienja fil-mija (8%) b’effett minn l-14 ta’ Settembru 2003 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza, kif ukoll l-ispejjez tal-ittra interpellatorja tal- u l-ittra ufficjali tal-6 ta' Jannar 2004.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti imsejjah."

Ra n-Nota tad-dikjarazzjonijiet sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu tieghu jigi ppruvat (Art 698(2) u 702 Kap 12 );

Ra li l-konvenut gie notifikat fis-16 ta' Frar 2004, li t-terminu ghadda bla ma pprezenta risposta u bla ma deher ghas-seduta tas-16 ta' Marzu 2004 - fejn gew ipprezentati l-kapitoli u l-attur ikkonferma bil-gurament il-kreditu tieghu - u dik tallum;

Billi l-konvenut ma gieb ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra tieghu u ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet m'ghandhomx jitqiesu ammessi u accettati;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' LM500 ammont ta' self brevi manu maghmul mill-attur lill-konvenut, bl-imghax legali ta' 8% mill-14 ta' Settembru 2003 bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tas-6 ta' Jannar 2004 kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------